MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Talba Numru. 121/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**

**Jason Attard (ID77368M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Jannar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u dsatax-il lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm319.69), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 2158 2325 u 2157 9927 (skond kif jirrizulta mid-dokumenti markati Dok.A, B, C u D annessi mal-avviz);**
**Illi nterpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Marzu, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u dsatax-il lira Maltija u disgha u sittin centezmu (Lm319.69) bl-imghax legali mill-24 ta' Frar, 2005, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------